MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 489/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Emanuel Balzan**

Kumpilazzjoni Nru: 489/2011

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Balzan ta’ 34 sena bin Joseph u Lucia nee Pace imwieled Attard fis-26 ta’ Jannar 1977 u joqghod 17 Triq Santa Katerina Rabat Malta detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 128177(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2011 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sa biex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u oggetti ohra ghad-detriment ta' Patrick Mallia detentur ta' karta ta' identita numru 359657M;

U aktar talli f'l-istess zmien lok u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe somma ta' aktar minn l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u oggetti ohra ghad-detriment ta' Patrick Mallia detentur ta' karta ta' identita numru 359657M;

U aktar talli b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fis-27 ta' Mejju 2008 f'l-ismijiet Pulizija vs Emanuel Balzan kien instab hati taht l-Att Numru XXIII tas-sena 1998 u kien immultat €235, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba minbarra milli tapplika l-piena tordna lill-imputat biex ihallas id-danni u l-ispejjez in konessjoni mal-hatra ta' esperti.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 18, 293, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'Jannar 2011 l-imputat kien rikoverat l-isptar Mater Dei. Dak in-nhar li ddahhal l-isptar, u kien ghadu fit-taqsima ta'l-emergenza, inzerta kien hemm il-parte civile, certu Patrick Mallia, li kien qed jakkompanja persuna ohra li kienet dahlet l-isptar b'emergenza ukoll. Peress li dan Mallia jaf lil familja ta'l-imputat meta rah hemm l-isptar mar fuqu introduca lilu nnifsu u bdew jitkellmu. Minn hemm saru hbieb u dan Patick Mallia beda jzur lill-imputat regolarment sa kemm dam l-isptar. Waqt dawn l-inkontri l-imputat kien jirrakkonta lil Mallia li l-familja tieghu kienu qatghu kull kuntatt mieghu u li kellu bzonn ta' ghajnuna finanzjarji ghaliex kellu bzonn jaghmel xi intervent kirurgiku privatament. Mallia thassru u sellfu l-flus. Sakemm dam l-isptar Mallia kien imur jarah kuljum lill-imputat.

Illi in vista ta' dak li l-imputat kien qed jghid lil Mallia dan spicca biex accettah f'daru meta gie licenzjat mill-isptar, silfu hwejjeg u tah aktar flus; Mallia anke silef il-vettura tieghu lill-imputat biex ikun jista' juza hu sa kemm idum ghandu. B'kollox l-imputat ghamel xi ftit granet ghand l-imputat u meta telaq (biex mar joqghod ghand xi nies ohra) zamm il-vettura ta' Mallia; din irritorna ftit granet wara pero bi hsarat; eventwalment irritorna ukoll hafna mill-hwejjeg li kien ha minghand Mallia; il-flus qatt ma taghhomlu lura minkejja diversi talbet li kien jaghmel Mallia. Mallia jghid li lill-imputat tah €2,175 fi flus kontanti.

Illi l-imputat ma jichadx li huwa ltaqa' ma' Mallia l-isptar u li mar joqghod ghandu ghal xi zmien wara li hareg mill-isptar; lanqas jichad li huwa talab lil Mallia ghal xi flus, li ssellef xi hwejjeg ta' Mallia, li kienu juza l-vettura tieghu u li zammha ghal xi jiem wara li telaq mid-dar ta' Mallia, li l-

vettura soffriet xi hsarat u li huwa ghadu ma rrifondiex il-flus li kien tah Mallia. L-imputat pero jghid li huwa ma talabx il-flus ghax kellu jaghmel operazzjoni serja imma ghax kellu bzonn jaghmel xi check ups personali f'l-Isptar St James u biex jixtri xi pilloli. L-imputat jghid ukoll li b'kollox Mallia tah €2,050 u mhux €2,175.

Illi ghandu jigi rilevat li l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud rapprezentant ta'l-Isptar Saint James u din qalet li l-imputat mar f'dik l-isptar fis-sena 2006 biex ghamel intervent kirurgiku pero minn dak in-nhar qatt ma rega' mar hemm.

Ikkunsidrat

Illi r-reati migjuba kontra l-imputat huma ta' truffa u appropjazzjoni indebita, kif ukoll recidiva.

Illi x'inhuma l-elementi essenzjali ta' dawn ir-reati huwa pacifiku f'l-ordinamament guridiku taghna.

Illi biex jezistu t-truffa jew l-frodi innominata

*... irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew  qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[1].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[2]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole,*

[1] Ref Pulizija ve Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[2] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[3].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[4]*.*

Illi l-elementi rikjesti ghall-approjazzjoni indebieta huma differenti, fis-sens li l-qerq li permezz tieghu l-agent jiehu xi vantagg mill-fuducja tas-suggett passiv huwa element tar-reat ta' frodi biss u mhux tar-reat ta' misappropjazzjoni indebita[5]. U dan ghaliex

*… l-element partikolari tar-reat ta' appropjazzjoni indebita mhux l-uzu ta'l-ingann da parti ta'l-agent biex jottjeni l-oggett, izda dik l-inverzjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta ta' dan. F'l-appropjazzjoni indebita ma jezisti l-ebda element ta' frodi*[6].

Illi dwar id-differenza f'l-elementi rikjesti ghar-reati ta' truffa u appropjazzjoni indebita Francesco Antolisei jghid hekk:

---

[3] Op cit pagna 357
[4] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[5] Ref Pulizija vs Joseph Muscat Appell Kriminali deciz 03.03.1997.
[6] Ref Pulizija vs jospeh Muscat op cit

*Nucleo essenziale del delitto in parola* (truffa) *e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato e lo distingue sia dal furto che dall'inappropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima, perche il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detieni, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitria, e percio non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa invece, l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri*[7].

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta ampjament li l-imputat kien jivvinta hafna stejjer (il-messa in xena) biex jigbed is-simpatija ta' Mallia biex mbaghad jikkonvincih jaghtih dawk il-flus li kien jehtieg ghall-iskopijiet tieghu meta kien jaf li ma kienx f'pozizzjoni li jrodd lura dawk il-flus li ottjena minghand Mallia. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom f'l-ewwel reat addebiatat lill-imputat u cioe dak ta' truffa u mhux fit-tieni reat: approjazzjoni indebita.

Illi ai fini ta'l-artikolu 310 tal-Kapitolu 9 irid jigi stabbilit l-valur ta' dak li l-imputat akkwista minghand Mallia bi frodi. Waqt id-depozizzjoni tieghu, apparti l-ammont fi flus kontanti, Mallia semma affarijiet ohra bhal self ta' hwejjeg u anke tal-vettura, u qed jippretendi ukoll rimbors tad-danni kkawzati fil-vettura tieghu waqt li kienet fil-pussess ta'l-imputat u rimbors ta' xi citazzjonijiet li kellu jhallas ghall-kontravvenzjonijiet kommessi waqt li l-vettura kienet fil-pussess ta' l-imputat. Il-hwejjeg u l-vettura gew ritornati qabel ma sar ir-rapport lill-pulizija u l-kwistjoni tar-rimbors tad-danni u tac-citazzjonijiet hija ta' natura purament civili

[7] Op cit pagna 354

u l-ammonti relattivi m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni. Ai fini tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami l-Qorti tista' tiehu biss in konsiderazzjoni l-ammont ta' flus mghoti lill-imputat u cioe €2,175 b'mod li ghandu japplika s-subartikolu (b) ta'l-artikolu 310 hawn imsemmi.

Illi kontra l-imputat hemm migjub ukoll l-addebietu tar-recidiva. In sostenn ta' din l-imputazzjoni giet prezentata sentenza tas-27 ta' Mejju 2008 meta l-imputat gie ikkundannat multa li hija prova sufficjenti ai fini tar-reat in ezami. Ghalhekk din l-imputazzjoni hija pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammont ta' flus in kwistjoni, kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat li minnha jirrizulta li l-fatti tal-kaz odjern sehhew propju meta l-imputat kien ghaddej proceduri kriminali ohra ghal reat simili li taghom ukoll instab hati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u tikkundannah disgha xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------